C/2026/2823

28.5.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/2823)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Mont Caume"

Numru ta' referenza UE: PGI-FR-A1206-AM02 — 4.3.2026

1. **Isem il-prodott**

Mont Caume

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-ikel, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intrapriżi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2024/1143.

L-emendi ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard kif definiti fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-applikazzjoni għal emenda tadl-IĠP ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni; speċifikament, ma:

(a) tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-prodotti jew fil-kategoriji ta' prodotti definiti mill-indikazzjoni ġeografika;

(b) tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) tinvolvix aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda standard.

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Żoni ġeografiċi li fihom isiru l-operazzjonijiet

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġie ssupplimentat fil-punt 4 – "Żoni ġeografiċi li fihom isiru l-operazzjonijiet", il-punt 4.1 – "Żona ġeografika" u l-punt 4.2 – "Żona fil-viċinanza immedjata" biex tiġi inkluża referenza għall-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024, u biex tiġi aġġornata, mingħajr ma tinbidel, il-lista ta' muniċipalitajiet li jiffurmaw iż-żona ġeografika.

Din l-emenda editorjali tippermetti li ż-żoni ġeografiċi jiġu identifikati b'referenza għall-verżjoni tal-2024 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali ppubblikat mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Istudji Ekonomiċi (INSEE, Institut national de la statistique et des études économiques), biex tipprovdi ċertezza legali lid-definizzjoni taż-żoni ġeografiċi.

L-istess referenza ddaħħlet fid-dokument uniku taħt l-intestaturi "Żona ġeografika" u "Rekwiżiti oħra – żona fil-viċinanza immedjata".

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Varjetajiet tal-vinji

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġie ssupplimentat fil-punt 5 "Varjetajiet ta' dwieli" biex jiżdiedu żewġ varjetajiet mal-lista ta' varjetajiet eliġibbli għall-IĠP.

Dawn il-varjetajiet huma l-Mourvèdre blanc B u l-Mourvèdre gris G, mutazzjonijiet spontanji tal-Mourvèdre noir, il-varjetà ta' għeneb tradizzjonali tad-dipartiment ta' Var. Dawn huma reżistenti għall-mard u għan-nixfa, u għalhekk huma adattati sew għall-klima tan-Nofsinhar li tikkaratterizza ż-żona tal-produzzjoni.

Dawn il-varjetajiet ġew inklużi b'reazzjoni għat-tħassib ambjentali, kemm f'termini tat-tisħin globali kif ukoll tal-adattament għall-pressjonijiet tal-pesti.

Dawn iridu jiżdiedu mal-lista ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid fid-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Rekwiżiti tad-dikjarazzjoni

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, il-punt 1 – "Rekwiżiti ta' dikjarazzjoni" ġie emendat billi żdiedet id-data tal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-ħsad bħala l-iskadenza għad-dikjarazzjoni tal-ħsad u/jew għad-dikjarazzjoni tal-produzzjoni. Il-volumi ddikjarati sa dik id-data jikkostitwixxu l-volum massimu eliġibbli għall-IĠP.

Din l-iskadenza għad-dikjarazzjoni tal-ħsad li għandha titqies hija komuni għall-IĠP kollha fir-reġjun u hija maħsuba biex tistabbilizza s-segment tal-IĠP fil-livell reġjonali u tiżgura aktar ċarezza fir-rigward tal-volumi introdotti fis-suq.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

"Mont Caume"

Numru ta' referenza UE: PGI-FR-A1206-AM02 — 4.3.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Mont Caume

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

5. Inbid spumanti ta' kwalità

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbejjed ħomor, rożè u bojod bla gass

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

L-inbejjed rożè huma ta' kulur roża ċar delikat.

L-inbejjed ħomor huma intensi.

L-inbejjed bojod huma vivaċi.

Aroma

L-inbejjed ħomor huma b'saħħithom.

L-inbejjed rożè għandhom aroma ta' frott u huma raffinati.

L-inbejjed bojod għandhom aromi ta' fjuri u ta' frott.

Togħma

L-inbejjed ħomor huma ġeneralment strutturati u robusti.

L-inbejjed [rożè] għandhom togħma ta' frott u huma raffinati.

L-inbejjed bojod huma pjuttost vivaċi b'aromi ta' fjuri u ta' frott.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

Għall-kuntrarju ta' produzzjoni oħra fid-dipartiment, fejn il-proporzjon tal-inbejjed rożè huwa ta' madwar 80 %, l-inbejjed rożè tal-IGP Mont Caume jirrappreżentaw inqas minn 55 % tal-volumi tal-produzzjoni. Min-naħa l-oħra, u din il-karatteristika hija speċifika għall-indikazzjoni ġeografika protetta inkwistjoni, il-produzzjoni tal-inbid aħmar hija iżjed importanti għaliex din dejjem tirrappreżenta bejn 40 % u kważi 50 % tal-volum, skont il-vendemmja. Il-produzzjoni tal-inbid abjad, li jikkostitwixxi l-iżgħar proporzjon, tirrappreżenta madwar 5 % tal-produzzjoni tal-inbid bla gass, skont il-vendemmja.

L-inbejjed rożè bla gass huma prodotti l-aktar mill-varjetajiet Grenache N, Cinsault N u Carignan N, filwaqt li l-inbejjed ħomor huma prodotti l-aktar mill-varjetajiet Mourvèdre N, Carignan N u Grenache N. Fost l-inbejjed bojod, tingħata preferenza lill-varjetajiet Bourboulenc B, Ugni Blanc B u Clairette B.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati mill-istruttura u mill-intensità tagħhom.

L-inbejjed rożè huma kkaratterizzati mill-kulur roża ċar delikat tagħhom u mill-aromi tagħhom ta' frott.

L-inbejjed bojod huma kkaratterizzati min-natura vivaċi u mill-aromi ta' fjuri u ta' frott tagħhom.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	10
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbejjed spumanti ta' kwalità, ħomor, rożè u bojod

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

L-inbejjed rożè huma ta' kulur roża ċar delikat.

L-inbejjed ħomor huma intensi.

L-inbejjed bojod huma vivaċi.

Aroma

L-inbejjed ħomor huma b'saħħithom.

L-inbejjed rożè għandhom aroma ta' frott u huma raffinati.

L-inbejjed bojod għandhom aromi ta' fjuri u ta' frott.

Togħma

L-inbejjed ħomor huma ġeneralment strutturati u robusti.

L-inbejjed rożè għandhom aroma ta' frott u huma raffinati.

L-inbejjed bojod huma pjuttost vivaċi b'aromi ta' fjuri u ta' frott.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed spumanti ta' kwalità prodotti fiż-żona ġeografika tal-IĠP huma l-aktar bojod (Clairette B, Ugni Blanc B) u roża (Grenache u Cinsault).

Dawn huma kkaratterizzati mill-eleganza tagħhom u mill-aromi ta' frott jew ta' fjuri tipiċi tal-inbejjed bla gass tal-IĠP.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati mill-istruttura u mill-intensità tagħhom.

L-inbejjed roża huma kkaratterizzati mill-kulur roża ċar delikat tagħhom u mill-aromi tagħhom ta' frott.

L-inbejjed bojod huma kkaratterizzati min-natura vivaċi tagħhom u mill-aromi ta' fjuri u ta' frott tagħhom.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Prattiki enoloġiċi speċifiċi

Deskrizzjoni

Il-prattiki enoloġiċi użati biex isiru l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed spumanti bla gass u ta' kwalità

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	90
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Agiorgitiko N

— Alicante Henri Bouschet N

— Aligoté B

— Alphonse Lavallée N

— Altesse B

— Aramon N

— Aramon blanc B

— Aramon gris G

— Aranel B

— Arbane B

— Arinarnoa N

— Arriloba B

— Arrouya N

— Artaban N

— Assyrtiko B

— Aubin B

— Aubin Vert B

— Aubun N – Murescola

— Auxerrois B

— Bachet N

— Barbaroux Rs

— Baroque B

— Biancu Gentile B

— Blanc Dame B

— Bouchalès N

— Bouillet N

— Bouquettraube B

— Bourboulenc B – Doucillon blanc

— Brachet N – Braquet

— Brun Fourca N

— Brun Argenté N – Vaccarèse

— Béclan N – Petit Béclan

— Béquignol N

— Cabernet Franc N

— Cabernet Sauvignon N

— Caladoc N

— Calitor N

— Camaralet B

— Carcajolo N

— Carcajolo blanc B

— Carignan N

— Carignan blanc B

— Carmenère N

— Castets N

— Chardonnay B

— Chasan B

— Chatus N

— Chenanson N

— Chenin B

— Cinsaut N – Cinsault

— Clairette B

— Clairette rose Rs

— Clarin B

— Claverie B

— Codivarta B

— Colombard B

— Colombaud B – Bouteillan

— Corbeau N – Douce noire

— Côt N – Malbec

— Couderc noir N

— Counoise N

— Courbu B – Gros Courbu

— Courbu noir N

— Couston N

— Crouchen B – Cruchen

— César N

— Duras N

— Durif N

— Egiodola N

— Ekigaïna N

— Elbling B

— Etraire de la Dui N

— Fer N – Fer Servadou, Braucol, Mansois, Pinenc

— Feunate N

— Floreal B

— Folignan B

— Folle Blanche B

— Fuella nera N

— Furmint B

— Gamaret N

— Gamay N

— Gamay de Bouze N

— Gascon N

— Genovèse B

— Gewurztraminer Rs

— Goldriesling B

— Gouget N

— Graisse B

— Gramon N

— Grassen N – Grassenc

— Grenache N

— Grenache blanc B

— Grenache gris G

— Gringet B

— Grolleau N

— Grolleau gris G

— Gros Manseng B

— Gros vert B

— Joubertin

— Jurançon blanc B

— Jurançon noir N – Dame noire

— Knipperlé B

— Lauzet B

— Lilaro N

— Liliorila B

— Listan B – Palomino

— Lledoner pelut N

— Macabeu B – Macabeo

— Mancin N

— Manseng noir N

— Marsanne B

— Marselan N

— Maréchal Foch N

— Mauzac B

— Mauzac rose Rs

— Mayorquin B

— Melon B

— Merlot N

— Merlot blanc B

— Meslier Saint-François B – Gros Meslier

— Meunier N

— Milgranet N

— Molette B

— Mollard N

— Monarch N

— Mondeuse N

— Mondeuse blanche B

— Monerac N

— Montils B

— Morrastel N – Minustellu, Graciano

— Moschofilero Rs

— Mourvaison N

— Mourvèdre N – Monastrell

— Mourvèdre blanc B

— Mourvèdre gris G

— Mouyssaguès

— Muresconu N – Morescono

— Muscadelle B

— Muscardin N

— Muscaris B

— Muscat Ottonel B – Muscat, Moscato

— Muscat cendré B – Muscat, Moscato

— Muscat d'Alexandrie B – Muscat, Moscato

— Muscat de Hambourg N – Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains blancs B – Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains roses Rs – Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains rouges Rg – Muscat, Moscato

— Mérille N

— Müller-Thurgau B

— Nero d'Avola N

— Nielluccio N – Nielluciu

— Noir Fleurien N

— Négret de Banhars N

— Négrette N

— Oberlin noir N

— Ondenc B

— Orbois B

— Pagadebiti B

— Pascal B

— Perdea B

— Persan N

— Petit Courbu B

— Petit Manseng B

— Petit Meslier B

— Petit Verdot N

— Picardan B – Araignan

— Pineau d'Aunis N

— Pinot Blanc B

— Pinot Gris G

— Pinot Noir N

— Piquepoul blanc B

— Piquepoul gris G

— Piquepoul noir N

— Plant de Brunel N

— Plant droit N – Espanenc

— Portan N

— Portugais bleu N

— Prior N

— Prunelard N

— Précoce Bousquet B

— Précoce de Malingre B

— Raffiat de Moncade B

— Ribol N

— Riesling B

— Riminèse B

— Rivairenc N – Aspiran noir

— Rivairenc blanc B – Aspiran blanc

— Rivairenc gris G – Aspiran gris

— Rosé du Var Rs

— Roublot B

— Roussanne B

— Rousseli Rs

— Roussette d'Ayze B

— Sacy B

— Saint Côme B

— Saint-Macaire N

— Saint-Pierre doré B

— Sauvignac B

— Sauvignon B – Sauvignon blanc

— Sauvignon Gris G

— Sciaccarello N

— Segalin N

— Seinoir N

— Select B

— Semebat N

— Semillon B

— Servanin N

— Solaris B

— Soreli B

— Souvignier Gris B

— Sylvaner B

— Syrah N – Shiraz

— Tannat N

— Tempranillo N

— Terret blanc B

— Terret gris G

— Terret Noir N

— Tibouren N

— Tourbat B

— Tressot N

— Téoulier N

— Ugni Blanc B

— Valdiguié N

— Varousset N

— Velteliner rouge précoce Rs

— Verdejo B

— Verdesse B

— Vermentino B – Rolle

— Vidoc N

— Villard blanc B

— Villard noir N

— Viognier B

— Voltis B

— Xarello B

— Xinomavro N

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

Il-ħsad tal-għeneb u l-produzzjoni u l-ipproċessar tal-inbejjed tal-IĠP Mont Caume jseħħu fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin fid-dipartiment ta' Var, fuq il-bażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024:

Bandol, Le Beausset, La Cadière-d'Azur, Le Castellet, Evenos, Ollioules, Le Revest-les-Eaux, Saint-Cyr-sur-Mer, Saint-Mandrier-sur-Mer, Sanary-sur-Mer, La Seyne-sur-Mer u Six-Fours-les-Plages.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq:

☑ reputazzjoni

☑ kwalità speċifika

☑ karatteristiċi oħra

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

Iż-żona ġeografika, li tinsab fid-dipartiment ta' Var fix-Xlokk ta' Franza fir-reġjun ta' Provence-Alpes-Côte d'Azur, fiż-żona kostali ta' bejn il-konurbazzjonijiet ta' Toulon (lejn il-Lvant) u Saint-Cyr-sur-Mer (lejn il-Punent), tkopri t-territorji ta' 12-il muniċipalità fix-Xlokk tad-dipartiment u toffri ċerta konsistenza morfoloġika.

Din iż-żona tista' titqabbel ma' anfiteatru, b'medja ta' madwar 10 kilometri wisa' u mdawwar b'għoljiet żgħar (massimu ta' 200 sa 300 metru), u tiftaħ fuq il-baħar f'Saint-Cyr-sur-Mer. Iċ-ċentru huwa mmarkat minn numru ta' elevazzjonijiet (l-għoljiet ta' Castellet, Cadière d'Azur, Bandol, Migoua u Gros Cerveau de Croupatier). Madwar din iż-żona, il-pajsaġġ lejn it-Tramuntana huwa ddominat mill-plateaux għolja ta' Sainte Baume (iktar minn 600 metru), lejn il-Lvant mix-xaqlibiet ta' Mont Caume (b'altezza ta' 801 metru), lejn il-Punent mill-plateaux, simili għal deżert, taż-żona interna ta' Marsilja, u lejn il-Majjistral mill-plateau ta' Siou Blanc.

Il-ħamrija li tinsab fil-perimetru ta' din iż-żona tmur lura għall-perjodu Triassiku, u minn banda tifforma linja li taqsam mill-Punent għal-Lvant bejn Saint-Cyr u Bandol u, min-naħa l-oħra, fergħa li testendi għan-Nofsinhar ta' Beausset. Il-ġebla tar-ramel ħamra u t-tafal jippredominaw, u b'saffi tal-ġebla tal-ġir kompatta xi kultant. Is-sodda tal-blat ħolqot ħamrija kemxejn baxxa (70 sa 80 cm), b'sawra ftit jew wisq ramlija, taflija, u tal-ġebla tal-ġir.

Il-vitikulturi ħadmu dan it-terren billi adattaw il-morfoloġija tax-xaqlibiet fuq dawn ir-ridges u l-għoljiet sabiex jinħolqu diversi "restanques" (artijiet imtarrġin), li l-wisa' u l-profondità tagħhom tiċkien iktar ma jogħlew (minn 30 metru għal 5 metri).

Minħabba l-prossimità tiegħu, il-baħar jipprovdi effett ta' bilanċ tipiku tal-klima kostali Mediterranja, billi jtaffi varjazzjonijiet kbar fit-temperatura. Iż-żona hija fost l-iktar xemxin matul il-kosta ta' Provence (b'medja ta' 3 000 siegħa fis-sena). Il-fetħa lejn ix-Xlokk tiffavorixxi d-dħul taż-żiffa tal-baħar, u tipprovdi nżul ta' xita suffiċjenti (bejn 650 u 800 mm fis-sena) mifrux bejn il-ħarifa u x-xitwa. Ir-riħ Mistral kiesaħ u xott jonfoħ mit-Tramuntana u jaffettwa l-klima taż-żona. Dan it-terran imħarbat, li joħloq mikroklimi, joffri kundizzjonijiet ideali għall-kultivazzjoni tad-dwieli, billi jillimita r-riskji matul il-perjodu taż-żahar billi joffri l-espożizzjoni neċessarja għax-xemx iżda wkoll protezzjoni min-nixfa.

Fis-sitt seklu QK, il-Foċej stabbilew kolonja magħrufa bħala Torroeis fil-viċinanzi tar-raħal kurrenti ta' Castellet. Dawn stabbilew vinja hemmhekk, imqassma f'artijiet imtarrġin, li r-Rumani żammew. Il-vitikultura għandha għeruq fermi f'dan il-post speċjali u dejjem kienet il-pedament tal-ekonomija lokali. Minn 2 400 ha potenzjali ta' dwieli mħawlin fi ħdan dan il-perimetru, l-IĠP Mont Caume bħalissa hija prodotta fuq 220 ettaru u tirrappreżenta 10 000 hl fis-sena. Il-Vins de Pays du Mont Caume ġew irrikonoxxuti b'digriet tal-31 ta' Jannar 1982. Għall-kuntrarju ta' produzzjoni oħra fid-dipartiment, fejn il-proporzjon tal-inbejjed rożè huwa ta' madwar 80 %, l-inbejjed rożè tal-IĠP Mont Caume jirrappreżentaw inqas minn 55 % tal-volumi tal-produzzjoni. Min-naħa l-oħra, u din il-karatteristika hija speċifika għall-indikazzjoni ġeografika protetta inkwistjoni, il-produzzjoni tal-inbid aħmar hija iżjed importanti għaliex din dejjem tirrappreżenta bejn 40 % u kważi 50 % tal-volum, skont il-vendemmja. Il-produzzjoni tal-inbid abjad, li jikkostitwixxi l-iżgħar proporzjon, tirrappreżenta madwar 5 % tal-produzzjoni tal-inbid bla gass, skont il-vendemmja.

L-inbejjed rożè bla gass huma prodotti l-aktar mill-varjetajiet Grenache N, Cinsault N u Carignan N, filwaqt li l-inbejjed ħomor huma prodotti l-aktar mill-varjetajiet Mourvèdre N, Carignan N u Grenache N. Fost l-inbejjed bojod, tingħata preferenza lill-varjetajiet Bourboulenc B, Ugni Blanc B u Clairette B. L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati mill-istruttura u mill-intensità tagħhom. L-inbejjed rożè huma kkaratterizzati mill-kulur roża ċar delikat tagħhom u mill-aromi tagħhom ta' frott. L-inbejjed bojod huma kkaratterizzati min-natura vivaċi u mill-aromi ta' fjuri u ta' frott tagħhom.

Il-produzzjoni annwali tal-indikazzjoni ġeografika protetta Mont Caume jaf tidher modesta, biss xorta waħda kisbet ċerta reputazzjoni. L-IĠP tibbenefika minn network ta' distribuzzjoni lokali primarjament organizzata fil-kantini tal-inbid. L-inbejjed għandhom prezz favorevoli. Kull sena, l-inbejjed tal-Pays du Mont Caume jiġu rrikonoxxuti fuq livell nazzjonali fil-"Concours Général Agricole de Paris" u fil-livell tad-dipartiment fil-"Concours des Soleils" għall-inbejjed prodotti fir-reġjun ta' Var.

F'wieħed mid-dipartimenti l-iktar turistiċi fi Franza, l-indikazzjoni ġeografika Mont Caume stabbiliet b'suċċess ir-reputazzjoni tagħha fis-settur lokali tal-inbid. Apparti minn hekk, mhux inqas minn 22 estate u tliet katini tal-inbid kooperattivi joffru dawn l-inbejjed bħala rispons għad-domanda tal-konsumatur. L-influwenza benefiċjali tal-Mistral tiżgura ventilazzjoni tajba tal-vinji, anke wara nżul ta' xita qalila, u għaldaqstant tikkontribwixxi għal għeneb f'saħħtu fl-irqajja'. L-effett tal-klima kostali Mediterranja flimkien mal-pożizzjoni tal-vinji fuq xaqlibiet tal-ħamrija baxxa tal-ġebla tal-ġir jagħtu lill-inbejjed ħomor l-istruttura u l-intensità partikolari tagħhom, u lill-inbejjed bojod u rożè l-freskezza u l-karattru tagħhom ta' frott u ta' fjuri.

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

5. Inbid spumanti ta' kwalità

Sommarju tar-rabta

Illum il-ġurnata, l-inbejjed spumanti fiż-żona ġeografika tal-IĠP jiġu prodotti minn estate waħda u minn kooperattiva tal-inbid waħda, li jipproduċu 33 000 flixkun fis-sena ta' nbejjed primarjament bojod (Clairette, Ugni blanc) u rożè (Grenache u Cinsault).

L-inbejjed spumanti ta' kwalità huma kkaratterizzati mill-eleganza tagħhom u mill-aromi ta' frott jew ta' fjuri tipiċi tal-inbejjed bla gass tal-IĠP.

L-effett tal-klima kostali Mediterranja flimkien mal-pożizzjoni tal-vinji fuq xaqlibiet tal-ħamrija baxxa tal-ġebla tal-ġir jagħtu lill-inbejjed ħomor l-istruttura u l-intensità partikolari tagħhom, u lill-inbejjed bojod u rożè l-freskezza u l-karattru tagħhom ta' frott u ta' fjuri li huwa tipiku tal-inbejjed spumanti ta' kwalità.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Żona fil-prossimità immedjata

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Iż-żona fil-prossimità immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni u għall-iżvilupp ta' nbejjed tal-IĠP Mont Caume, hija magħmula mill-muniċipalitajiet li ġejjin, f'konformità mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024:

— Fil-Punent, il-muniċipalitajiet li ġejjin li jmissu mad-dipartiment ta' Bouches-du-Rhône:

Allauch, Aubagne, Auriol, Belcodène, La Bouilladisse, Cadolive, Carnoux-en-Provence, Cassis, Ceyreste, La Ciotat, Cuges-les-Pins, La Destrousse, Gémenos, Marseille, La Penne-sur-Huveaune, Peypin, Plan-de-Cuques, Roquefort-la-Bédoule, Roquevaire, Saint-Savournin u Septèmes-les-Vallons.

— Fil-Lvant, il-muniċipalitajiet li ġejjin li jmissu mad-dipartiment ta' Var, f'konformità mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024:

Les Adrets-de-l'Estérel, Aiguines, Ampus, Les Arcs, Artignosc-sur-Verdon, Artigues, Aups, Bagnols-en-Forêt, Bargème, Bargemon, Barjols, La Bastide, Baudinard-sur-Verdon, Bauduen, Belgentier, Besse-Sur-Issole, Bormes-les-Mimosas, Le Bourguet, Bras, Brenon, Brignoles, Brue-Auriac, Cabasse, Callas, Callian, Camps-la-Source, Le

Cannet-des-Maures, Carcès, Carnoules, Carqueiranne, Cavalaire-sur-Mer, La Celle, Châteaudouble, Chateauvert, Chateauvieux, Claviers, Cogolin, Collobrières, Comps-sur-Artuby, Correns, Cotignac, La Crau, La Croix-Valmer, Cuers, Draguignan, Entrecasteaux, Esparron, La Farlède, Fayence, Figanières, Flassans-sur-Issole, Flayosc, Forcalqueiret, Fox-Amphoux, Fréjus, La Garde, La Garde-Freinet, Garéoult, Gassin, Ginasservis, Gonfaron, Grimaud, Hyères, Le Lavandou, La Londe-les-Maures, Lorgues, Le Luc, La Martre, Les Mayons, Mazaugues, Méounes-les-Montrieux, Moissac-Bellevue, La Môle, Mons, Montauroux, Montferrat, Montfort-Sur-Argens, Montmeyan, La Motte, Le Muy, Nans-les-Pins, Néoules, Ollières, Pierrefeu-du-Var, Pignans, Plan-d'Aups-Sainte-Baume, Plan-de-la-Tour, Pontevès, Pourcieux, Pourrières, Le Pradet, Puget-Sur-Argens, Puget-Ville, Ramatuelle, Rayol-Canadel-Sur-Mer, Régusse, Rians, Riboux, Rocbaron, Roquebrune-Sur-Argens, La Roquebrussanne, La Roque-Esclapon, Rougiers, Saint-Antonin-du-Var, Sainte-Anastasie-sur-Issole, Sainte-Maxime, Saint-Julien, Saint-Martin-De-Pallières, Saint-Maximin-la-Sainte-Baume, Saint-Paul-en-Forêt, Saint-Raphaël, Saint-Tropez, Saint-Zacharie, Salernes, Les Salles-sur-Verdon, Seillans, Seillons-Source-d'Argens, Signes, Sillans-la-Cascade, Solliès-Pont, Solliès-Toucas, Solliès-Ville, Tanneron, Taradeau, Tavernes, Le Thoronet, Toulon, Tourrettes, Tourtour, Tourves, Trans-en-Provence, Trigance, Le Val, La Valette-du-Var, Varages, La Verdière, Vérignon, Vidauban, Villecroze, Vinon-sur-Verdon u Vins-sur-Caramy.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Tikkettar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

L-indikazzjoni ġeografika protetta Mont Caume tista' tiġi ssupplimentata bl-isem ta' varjetà ta' għeneb waħda jew aktar.

L-indikazzjoni ġeografika protetta Mont Caume tista' tiġi ssupplimentata bit-termini "primeur" [bikri] jew "'nouveau'" [ġdid]. It-termini "primeur" u "nouveau" huma rriżervati biss għall-inbejjed bla gass.

Il-logo tal-IĠP tal-Unjoni Ewropea jrid jidher fuq it-tikketta jekk it-terminu "indication géographique protégée" [indikazzjoni ġeografika protetta] jiġi sostitwit bit-terminu tradizzjonali "Vin de pays".

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-3626f5ca-9286-44ac-b913-aa217430384e